FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' GUNJU 2001

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
NICHOLAS MANGION

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nicholas Mangion ta' 29 sena bin Anthony u Carmela mitwielda Aquilina, imwieled Attard fil-5 ta' Gunju 1971 u joqghod 199, Mdina Road, Qormi ID263571M talli fid-29 ta' Marzu 2001, minn gewwa l-hanut maghruf bhala Megavideo & Hi-fi li qieghed go Ellul Mercer Street, Qormi, ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh , qassam jw mod iehor offra ghall-bejgh jew jitqassam, diversi video cassettes, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha, u
Talli fl-istes data u matul il-perjodu precedenti, fl-istess post, iffalsifika jw biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija cioe tal-imsemmija video cassettes, jew xjentement, ghamel uzu minn dawn l-oggetti ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid, bi hsara ta' haddiehor, ghamel qliegh iehor b'qerq mill-imsemmija video cassettes.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 2001 fejn l-imputat ammetta l-ewwel akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:-

Fuq tali ammissjoni il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza u wara li rat Art 298(b) tal-kap 9 tikkundannah ihallas multa ta' Lm750 (li dawn ghandhom jithallsu fi zmien 6 xhur) u tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-video cassettes esebiti u tiliberah mill-akkuzi l-ohra kif dedotti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.